

Permezz tat-tlettax u tal-aħħar aggravju tiegħu, fl-aħħar nett l-appellant jilmenta min-nonoservanza tal-prinċipju ta' ġermezza legali mill-Qorti tal-Prim'Istanza peress li din tal-aħħar evitat id-diskussjoni dwar il-motiv ibbażat fuq l-inapplikabbiltà tar-Regolament Nru 1605/2002 (2) li fuqu hija bbażata d-deċiżjoni tal-OLAF u tal-Kummissjoni, filwaqt li, meta seħħew il-fatti, kien hemm fis-seħħ ir-Regolament Finanzjarju tal-21 ta' Diċembru 1977 (3). Barra minn hekk, skont il-paragrafi 2 u 3 tal-Artikolu 47(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, is-CPEM jitlob il-verifikasi tal-fatti permezz tas-smiġħ tax-xhieda.

- (1) Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4255/88, tad-19 ta' Diċembru 1988, li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament Nru 2052/88 għal dak li jikkonċerna l-Fond Soċjal Ewropew (ĠU L 374, p. 21).
- (2) Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1605/2002, tal-25 ta' Ġunju 2002, rigward ir-Regolament Finanazzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, p. 1).
- (3) Regolament Finanzjarju tal-21 ta' Diċembru 1977 applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 356, p. 1) fil-verżjoni tiegħu riżultat tar-Regolament tal-Kunsill (KE, KEFA, Euratom) Nru 2779/98, tas-17 ta' Diċembru 1998, li jemenda r-Regolament Finanzjarju tal-21 ta' Diċembru 1977 (ĠU L 347, p. 3).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Fővárosi Ítélőtábla (Repubblika Ungerija) fis-7 ta' Settembru 2009
— Dr. Donat Cornelius Ebert vs Budapesti Ügyvédi Kamara

(Kawża C-359/09)

(2009/C 312/20)

Lingwa tal-kawża: L-Ungeriż

Qorti tar-rinviju

Fővárosi Ítélőtábla

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Dr. Donat Cornelius Ebert

Konvenut: Budapesti Ügyvédi Kamara

Domandi preliminari

- (1) Jistgħu d-Direttiva tal-Kunsill 89/48/KE (1) u d-Direttiva 98/5/KE (2) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, jiġu interpretati fis-sens li r-rirkorrent, ċittadin Ġermaniż, li għaddha mill-eżami sabiex ikun jista' jeżerċita l-professjoni ta' avukat fil-Ġermanja, huwa membru tal-kamra tal-avukati lokali u għandu permess sabiex jogħod u jaħdem fl-Ungerija, ikun intitolat, mingħajr ma huwa membru tal-kamra tal-avukati Ungerija, li już-a mingħajr kwalunkwe permess it-titolu uffiċċiali ta' "ügyvédi" (avukat), li huwa t-titolu uffiċċiali fl-Ungerija, Stat ospitanti, quddiem il-qrat u fil-proċeduri amministrattivi, minbarra t-titolu Ġermaniż ta' "Rechtsanwalt" u dak Ungeriż ta' "európai közösségi jogász" (avukat Ewropew)?

- (2) Id-Direttiva 98/5/KE tissupplimenta d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 89/48/KE fis-sens li, fir-rigward tal-eżerciżu tal-attività ta' avukat, din hija *lex specialis* fil-qasam tagħha, filwaqt li d-Direttiva 89/48/KE tirregola biss b'mod ġenerali r-rikonoxximent ta' diplomi ta' edukazzjoni oħla?

(1) Direttiva tal-Kunsill 89/48/KE, tal-21 ta' Diċembru 1988, dwar sistema ġenerali għar-rikonoxximent ta' diplomi ta' edukazzjoni oħla mogħti ja mal-kompletar tal-edukazzjoni u t-taħbi professjoni ta' mill-inqas tliet snin (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolo 5 Volum 1 p. 337)

(2) Direttiva 98/5/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Frar 1998, sabiex tkun iffaċċilitata l-prattika tal-professjoni ta' avukat fuq bażi permanenti fl-Istati Membri minbarra dak fejn kienet miksuba l-kwalifikazzjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolo 6 Volum 3 p. 83)

Appell ippreżzentat fil-11 ta' Settembru 2009 minn Athinaiki Techniki AE mid-digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza (Ir-Raba'Awla) mogħti fid-29 ta' Ġunju 2009 fil-Kawża T-94/05, Athinaiki Techniki AE vs Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

(Kawża C-362/09 P)

(2009/C 312/21)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

Partijiet

Appellant: Athinaiki Techniki AE (rappreżentant: S. A. Pappas, avukat)

Appellati: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, Athens Resort Casino AE Symmetochon

Talbiet tal-appellant

- tannulla d-digriet ikkонтestat,
- tilqa' t-talbiet ppreżentati fl-ewwel istanza;
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Aggravji u argumenti prinċipali

L-appellant tinvoka erba' aggravji insostenn tal-appell tagħha.

Skont l-ewwel aggravju, il-Qorti tal-Prim'Istanza interpretat b'mod żbaljat il-ġurisprudenza preċedenti tal-Qorti tal-Qorti tal-Ġustizzja rigward il-kundizzjoni jidher għal-legalità tal-irtirar ta' att amministrattiv. Fil-fatt, sabiex ikun validu l-irtirar jippreż-żu ponni li l-illegaltà tal-att tkun ikkonstatata u li r-revoka tiegħu issir f'terminu raġonevoli. Issa, f'dan il-każ, l-irtirar tal-att tal-Kummissjoni sar iktar minn erba' snin wara l-adozzjoni tiegħu u ma nghatnat ebda motivazzjoni.